# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 233/2015**

Il-Pulizija

vs

**Carmelo Sammut**

Iben John  Mary, imwieled Pieta' fit-22 ta' April, 1964detentur tal-karta ta' l-identita' numru 229764(M)

Illum, 14 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Carmelo Sammut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-8ta' Frar 2014 gewwa l-fond "Kibowi Flats", Flat 9, Triq il-Frejgatina, San Pawl il-Bahar bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li huwa jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, fixkel lil martu Dorianne Sammut fil-pussess ta' hwejjigha jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjigha billi cahhad l-access tal-imsemmi fond lil Dorianne Sammut.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat Carmelo Sammut hati tal-akkuza dedotta fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' mitejn euro (€200).

In oltre, ai termini tal-artikolu 85(2) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ordnat lill-hati Carmelo Sammut sabiex jikkonsenja kopja tac-cavetta / cwievet tal-bieb principali tal-fond Flat 9, Kibowi Flats, Triq il-Frejgatina, San Pawl il-Bahar lil martu Dorianne Sammut fi zmien gimgha mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmelo Sammut ipprezentat fit-13 ta' Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna, tirrevoka s-sentenza moghtija minn l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Mejju, 2015 in kwantu sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu
u ikkundannatu jhallas multa ta' €200 u sabiex jikkonsenja il-kopja tac-cavetta jew icwievet tal-bieb principali tal-fond Flat 9, Kibowi Flats, Triq il-Frejgatina, San Pawl il-Bahar lil martu Dorianne Sammut fi zmien gimgha mil-Ium u minftok taqta u tiddeciedi l-kawza billi tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi Dorianne Sammut dahlet fiI-post in kwistjoni mhux fit-8 ta' Frar, 2014 imma bejn it-22 ta' Jannar, 2014 u il-5 ta' Frar u ghalhekk ic-cavetta in kwistjoni ma' mbidlitx fit-8 ta' Frar, 2014 imma se mai qabel dik il-gurnata.

Illi Dorianne Sammut kienet ila li abbandunat id-dar matrimonjali mil-15 ta' Mejju, 2013 u ma' kella l-ebda intenzjoni tirritorna fil-fond in kwistjoni.

Illi I-akkuzat issubixxa vjolenza a skapitu ta' martu u huwa tenut biex jiehu hsieb l-inkolumita ta' persuntu u ghalhekk is-sikurta tieghu gialadarba martu abbandunat l-istess dar hija l-iprem valur.

Illi mhux minnu illi Dorianne Sammut kellha xi oggetti taghha jew tat-tfal fil-fond in kwistjoni.

Illi huwa biddel ic-cavetta ghax kien tilef l-istess lejliet is-safar tieghu fit-22 ta' Jannar 2014.

Illi jehtieg ghal kors tal-gustizzja li jittellaw jixhdu Victor Zammit u Mario Bonnici li gew michuda lill-akkuzat li jixhdu fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati tal-Gudikatura Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2017 il-Qorti giet infurmata li l-appellant ikkonsenja c-cavetta lil martu Dorianne Sammut.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Carmelo Sammut fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Din il-Qorti qed tilqa l-appell ta' Carmelo Sammut. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok il-multa ta' mitejn euro (€200) tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.